# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 1**

**Citaz. Nru. 1/94MM (G)**

**Paul Formosa**

**vs**

**Salvu Debono**

**Il-Qorti;**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fil-15 ta' Gunju, 1999 il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza li fiha l-attur qed jitlob il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' bilanc ta' prezz ta' gebel lilu mibjugh u konsenjat.

> "Il-Qorti,
>
> Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fil-hamsa (5) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) fejn wara li ppremetta illi:-

Hu kien armat bil-barriera u kien jissupplixxi l-gebel, mingur u mhux mingur, lill-konvenut jahdem ta' bennej;

U illi bejn il-kontendenti kien jithaddem speci ta' kont kurrenti fis-sens illi l-konvenut kien ihallas lill-attur bejn kont tax-xoghol supplit lilu sakemm imbaghad jinqatghu u jigu saldati l-kontijiet kollha;

U illi bejn il-kontendenti baqa' pendenti l-kont ta' viegi supplit mill-attur lill-konvenut fl-ahhar diversi snin illi l-attur kien ghadu armat bil-barriera, u skond l-attur il-konvenut ghad fadallu jhallsu s-somma ta' tlett elef mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm3,123);

U illi ghalkemm il-konvenut jaqbel illi l-kontijiet ghadhom ma gewx saldati, hu mhux qed jaqbel dwar l-ammont dovut minnu, u minkejja diversi tentattivi ghal arrangament bonarju, il-konvenut baqa' jinsisti illi ma jhallas xejn.

Talab ghalhekk l-attur lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tillikwida l-ammont dovut minnu lill-attur bi hlas ghas-saldu ta' viegi ta' gebel, mingur u mhux mingur, mibjugh u supplit lilu mill-istess attur;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dan l-ammont kif likwidat, bl-interessi fuq dan l-istess ammont mid-data tan-notifika ta' din ic-citazzjoni sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxxa:-

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a bazi ta' l-artikolu 2148 u 2149 tal-Kodici Civili;

2. In-nullita' ta' l-azzjoni attrici ukoll billi l-attur naqas li jippresenta flimkien mac-citazzjoni d-dokumenti relattivi biex jiggustifikaw it-talba tieghu. Id-dokument "A" zgur li ma jistax jigi accettat bhala prova;

3. In-nullita' ta' l-azzjoni attrici ukoll billi l-attur naqas li jippresenta flimkien mac-citazzjoni d-dokumenti relattivi biex jiggustifikaw it-talba tieghu. Id-dokument "A" zgur li ma jistax jigi accettat bhala prova;

4. Illi ma hux minnu li bejn il-partijiet kien jezisti kont kurrenti. Il-konvenut xtara kwantita' ta' gebel tal-kantun li thallsu in parti fi flus u in parti f'xoghlijiet;

5. Illi ma hu dovut ebda hlas lill-attur billi kif jigi ampjament ipprovat fil-kawza, kull kont jinsab ampjament saldat.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut qed ipoggi ostaklu ghall-azzjoni attrici fit-termini ta' l-artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili. Dawn jippreskrivu terminu ta' tmintax-il (18) xahar u sentejn rispettivament, izda l-artikolu illi japplika ghal dan il-kaz huwa bla dubju 2149 illi jippreskrivi terminu ta' sentejn ghall-azzjonijiet ta' kontratturi fil-gebel ghall-konsenja u ghax-xoghol taghhom.

Irrizulta mill-provi illi bejn il-partijiet kien hemm rabta kummercjali. L-attur kien jopera barriera u l-konvenut kien kuntrattur u kien jiehu l-gebel minghand l-attur. L-attur ma kellux sistema ta' accounts u kien izomm kollox fuq notamenti illi kien jipprepara hu. L-istess pero' kien jaghmel il-konvenut fejn dawn it-tnejn jidhru illi kienu qed joperaw bejniethom aktar alla buona milli f'xi sens kummercjali sofistikat kif relazzjonijiet kummercjali moderni jirrikjedi. Zgur pero' illi kien hemm zmien meta l-konvenut kellu jaghti ammont konsiderevoli ta' flus lill-attur. Il-partijiet ma jsemmu xejn dwar iz-zminijiet meta inqalghet din il-kwistjoni u l-Qorti trid tasal ghal din il-konkluzjoni mix-xhieda ohra cirkostanzjali li jirrizultaw mill-atti tal-process. Illum l-attur m'ghadux aktar fl-operazzjoni tal-barriera u skond ix-xhieda ta' ibnu Salvu Formosa, ix-xoghol fil-barriera waqaf ghall-habta ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u hu probabbli li kien ghal habta ta' dakinhar illi nqalghu l-vertenzi bejn il-partijiet.

Fost id-dokumenti li hemm esebiti f'dawn l-atti hemm id-dokumenti mibghuta mill-Avukat Galea lill-konvenut. Dawn l-ittri jgibu d-dati l-erba (4) ta' Gunju ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993), sitta (6) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) u tmintax (18) ta' Novembru ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993). Jidher illi f'dawn iz-zminijiet kienu qed isiru tentattivi sabiex din il-vertenza titwassal ghal soluzzjoni bonarja. Fl-ahhar ittra, fil-fatt, l-Avukat Galea qieghed jirreferi ghall-ftehim illi

ntlahaq bejn il-partijiet, liema ftehim ma giex attwat, u allura kien qieghed jipprospetta kawza kif avza lill-istess attur.

L-artiklu applikabbli ghal dan il-kaz, kif diga' ghidna, huwa l-artikolu 2149, illi jippreskrivi terminu ta' sentejn. Jekk allura bejn wiehed u iehor niehdu s-sajf ta' l-elf disa' mija u tlieta u disghin (1993) bhala z-zmien meta nqalghu dawn il-vertenzi ghal operazzjonijiet kummercjali illi kienu jirrisalu ghall-istess sena, allura nsibu illi din il-kawza giet istitwita fit-terminu rikjest fil-ligi peress illi fil-hamsa (5) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija u erbgha u disghin (1994), meta giet ipprezentata l-kawza ma lahqux ghaddew sentejn minn meta saret il-konsenja tal-gebel illi fuqha hemm din il-kwistjoni.

Ghalhekk il-Qorti tichad din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tghaddi biex tikkonsidra l-mertu.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia inghad il-partijiet ghamlu xi zmien jikkummercjaw ma' xulxin bil-konvenut jixtri kwantita' ta' gebel mill-barriera ta' l-attur. Meta l-attur iddecieda li ma jkomplix fl-operazzjoni tal-barriera, baghat ghall-konvenut sabiex flimkien jaraw x'pendenzi kien hemm bejniethom u jifthemu fuq ciefra illi hija dovuta lill-attur. Il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-konvenut kellu jaghti xi flus lill-attur u originarjament il-partijiet waslu fi ftehim illi l-konvenut kellu jaghti l-ammont ta' hamest elef mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm5,123). Skond l-attur minn din ic-cifra saru xi pagamenti u issa fadallu jhallas l-ammont ta' tlett elef mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm3,123). Il-konvenut min-naha l-ohra filwaqt li jikkonferma li kellu jaghti xi flus lill-attur jghid illi mhuwiex minnu illi ghandu jaghti dan l-ammont ta' tlett elef mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm3,123) il-ghaliex l-attur qieghed jirrifjuta li jirrikonoxxi pagament iehor ta' elfejn lira (Lm2,000) illi ghamel il-konvenut akkont tad-dejn illi kellu ma' l-attur.

L-attur min-naha tieghu jinnega illi rcieva dawn l-elfejn lira u l-pern tal-kwistjoni kollha ddur fuq kitba, jew speci ta' ricevuta, illi giet esebita f'dawn l-atti a fol 34 u 35. La l-konvenut qieghed jallega illi ghamel il-pagament, jispetta lilu biex jipprova illi sar dan il-hlas. Apparti x-xhieda tieghu u ta' martu, il-konvenut esebixxa dan id-dokument a tergo a fol 34. Din hu s-suppost ricevuta illi l-attur ghamel lill-konvenut ghall-hlas ta' elfejn lira.

Kif diga' inghad ma kien hemm xejn sofistikat fiz-zamma tar-records u kotba tan-negozju ta' l-attur u l-istess jista' jinghad ghall-konvenut imma biex il-konvenut jipprezenta dan id-

dokument u jghid illi dik hija ricevuta, qieghed verament itawwal l-immaginazzjoni f'livelli mhux accettabbli ghall-Qrati.

F'kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 t'Ottubru 1998 fl-ismijiet "Joe Chetcuti et vs Joseph Pearson et nomine" il-Qorti ta' l-Appell qalet illi f'kazijiet meta persuna tallega illi jkun sar pagament, jinkombi lil dik il-persuna li tkun ghamlet dawn l-allegazzjoni illi ggib il-provi taghha u ricevuta hija l-ahjar tip ta' prova illi din il-persuna tista' iggib.

M'hemmx dubju illi kien fl-interess tal-konvenut illi jekk jaghmel dan il-pagament ta' elfejn lira (Lm2,000), allura kellu jesigi ricevuta suret in-nies minghand l-attur u mhux dik l-ispeci ta' thanzira illi kellu l-wicc jipprezenta lill-Qorti. Veru illi l-ligi ma tippreskrivi l-ebda forma partikolari ghall-ircevuta u dina tista' tinkiteb, tista' tkun stampata jew maghmula b'xi forma ohra li tkun cara u tiftiehem ghal dak illi huwa l-kontenut taghha. Il-kitba illi hemm a tergo ta' fol 34 m'ghandha xejn minn dawn il-karatteristici u l-Qorti kellha toqghod fuq il-kelma tal-konvenut meta jghid illi din hija ricevuta. Jekk il-konvenut jippretendi illi jista' jipprezenta thanzira bhal dik u jghaddiha bhala ricevuta, huwa verament zbaljat. L-ircevuti ma jsirux hekk u l-konvenut bhala bonus pater familias kellu jesigi illi jinghata ricevuta suret in-nies ghall-hlasijiet illi huwa ghamel. Jekk dan ma ghamlux hemm element ta' traskuragni grassa minn naha tieghu u issa ma jistax jiehu vantagg minn din it-traskuragni u jipprezenta dan id-dokument bhal prova tal-hlas illli jghid illi huwa ghamel. Darba jigi mwarrab dan id-dokument, tibqa' biss il-kelma tieghu u ta' martu kontra dik ta' l-attur u minn tnejn minn nies illi kienu jikkummercjaw bejniethom alla buona ma jistax jinghad illi l-verzjoniiet moghtija huma aktar probabbli wahda mill-ohra u ghalhekk il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi l-konvenut ipprova illi huwa verament hallas dwn l-elfejn lira lill-attur. Dana a bazi tat-taghlim tad-Dritt Ruman illi actus non probante reus absolvitur.

Jibqa' ghalhekk il-kwistjon ta' l-ammont reklamat mill-attur. Kif gia' inghad il-Qorti hija sodisfatta illi meta l-partijiet waqfu jikkummercjaw bejniethom, il-konvenut kelli jaghti ammont ta' flus lill-attur. Ma hemmx dubju illi stante n-natura ta' din ir-relazzjoni, il-konvenut ried jiehu vantagg min-nuqqas ta' dokumentazzjoni illi kellu l-attur. Izda l-attur jaf sew x'pagamenti rcieva minghand il-konvenut u dan qalu fl-ewwel okkazzjoni li kellu biex jaghti d-deposizzjoni tieghu u spjega kif ghad fadal jiehu bilanc ta' tlett elf mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm3,123). Hu probabbli li din il-verzjoni hija wahda veritiera u fuq din il-probabilita' l-Qorti tista' tibbaza d-decizjoni taghha.

> Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur, tillikwida l-ammont dovut mill-konvenut lill-attur fis-somma ta' tlett elef mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm3123) ghal viegi ta' gebel, mingur u mhux, mibjugh u supplit lill-konvenut mill-istess attur u tikkundanna lill-istess konvenut li jhallas lill-attur l-ammont hekk likwidat. Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni u cioe' fil-5 ta' Jannar 1994 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Il-konvenut appella minn din is-sentenza. L-ewwel aggravju tieghu jirrigwarda d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti illi tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni minnu sollevata fis-sens illi l-azzjoni attrici kienet estinta a bazi ta' l-artikoli 2148 u 2149 tal-Kodici Civili. L-Ewwel Qorti kienet iddikjarat illi l-artikolu applikabbli kien l-artikolu 2149 li kien jistabilixxi terminu preskrittiv ta' sentejn. L-aggravju ta' l-appellant f'dan ir-rigward hu fis-sens illi l-Ewwel Qorti skorrettement waslet ghall-konkluzjoni li ma seghtetx tistabilixxi z-zmien li fih kien gie mibjugh il-gebel u allura kienet ghamlet indagini mill-provi biex tipprova tistabilixxi liema kien ezattament dan il-perjodu. Konsegwentement kienet waslet ghall-konkluzjoni illi l-perjodu ta' preskrizzjoni skond hi applikabbli ma kienx ghadu ddekkorra fil-mument meta sar l-att tac-citazzjoni. Skond l-appellant pero' l-provi mill-atti kellhom juru illi c-citazzjoni kienet giet istitwita <u>erba' snin wara</u> li kienet konsenjata l-ahhar konsenja ta' materjal meta t-terminu preskrittiv kien skond l-Ewwel Qorti ta' sentejn. Una volta d-dekors taz-zmien kien stabbilit, kien jinkombi fuq l-attur illi

jipprova illi dak iz-zmien kien b'xi mod interrott jew sospiz u fin-nuqqas ta' dik il-prova, l-Ewwel Qorti kellha takkolji l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. L-aggravju ta' l-appellant allura iqieghed in kontestazzjoni l-konsiderazzjoni kollha ta' l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Effettivament anke l-attur appellat ghandu kontestazzjoni f'dan ir-rigward. Fil-waqt illi jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet sewwa li cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, hu jissottometti illi dan kienet pero' ghamlitu bl-applikazzjoni tal-ligi zbaljata ghaliex fil-fehma tieghu l-preskrizzjoni applikabbli ghall-fatti in kawza ma kenitx dik indikata mill-Ewwel Qorti u cioe' l-artikolu 2149 tal-Kodici Civili, lanqas kienet l-eccezzjoni l-ohra minnu wkoll sollevata fit-terminu ta' l-artikolu 2148 mill-Ewwel Qorti skartata. Kienet invece applikabbli l-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fis-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kap 16. Din is-sottomissjoni ta' l-appellat hi kjarament fondatat fil-ligi u konsegwentement l-eccezzjoni ta' l-appellant fir-rigward tal-preskrizzjoni kellha tigi michuda mhux ghaliex l-azzjoni kienet estinta billi kien iddekorra t-terminu preskrittiv ta' tmintax-il xahar jew ta' sentejn skond xi wahda miz-zewg disposizzjonijiet tal-preskrizzjoni invokati minnu, imma ghal raguni ben diversa billi l-ebda wahda minn dawn id-disposizzjonijiet ma kienet applikabbli ghall-fatti in kawza.

L-artikolu 2149 li gie indikat bhala applikabbli mill-Ewwel Qorti ittratta s-subinciz (a) tieghu dwar il-preskrizzjoni bl-gheluq ta' sentejn ta' "l-azzjonijiet tal-<u>bennejja ta' bastimenti</u> jew bcejjec ohra tal-bahar u tal-<u>kuntratturi tal-bini</u> iehor jew ta' xoghlijiet ohra ta' l-injam, gebel jew materjal iehor <u>ghal opri mahdumin minnhom</u> jew <u>ghall-materjali li jfornu</u>." Is-subincizi l-ohra ta' dan l-artikolu ma kienu bl-ebda mod rilevanti ghall-kawza.

Issa, fil-kaz taht ezami, il-kreditu reklamat mill-attur kontra l-konvenut ma kienx pretiz fir-rigward ta' xi opra mahduma minnu qua kuntrattur tal-bini jew ghall-materjali li forna lill-konvenut bhala kuntrattur. Minn imkien ma' tirrizulta xi prova jew allegazzjoni illi l-attur kien kuntrattur tal-bini. Prova li tokkorri hi biss illi hu kien proprjetarju ta' barriera li minnha kien jaqta' l-gebel u jbieghu lil min xtaq li jakkwistah. Gie ritenut minn dawn il-Qrati li dan is-subinciz ma japplikax fejn ikun hemm semplici fornitura ta' materjali imma kien jikkontempla biss dawk il-materjali suppliti mill-kuntratturi fuq xoghlijiet meta dawn ikunu impjegati f'xoghlijiet ta' kostruzzjoni minnhom esegwiti jew fl-istess utilizzati.

"Ghaldaqstant dik il-preskrizzjoni mhux applikabbli ghall-kaz semplici ta' fornitura ta' materjali minn min ma jkunx ukoll appaltatur ta' l-opra li ghaliha l-materjali ikunu servew." (Joseph Grech vs Emanuel Camilleri

et deciza minn din il-Qorti fil-21 ta' Marzu, 1977 kif ukoll Vol XXVII.i.1013)

Meta allura min jissuplixxi l-materjali ma jkunx kuntrattur jew bennej li jkun bena u li utilizza dawn l-istess materjali suppliti, tali konsenja tkun sempliciment tikkostitwixxi bejgh li ma kenitx applikabbli ghalih din il-preskrizzjoni.

"………. ghall-applikazzjoni ta' dan l-artikolu irid jissussisti l-element ta' "opus" da parti tal-kuntrattur fil-konfront tal-eccipejnt altrimenti l-kontrattazzjoni tkun wahda ta' bejgh ordinarju u ma jinqabadx mill-imsemmi artikolu." ("Victor Camilleri vs Emanuele Abela et" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-31 ta' Mejju, 1977, "Maria Camilleri vs John Licari" deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1972 u Vol. XLI.i.347)

Stabbilit lil hinn minn kull dubbju illi hawn si tratta ta' bejgh ta' materjal mill-attur lill-konvenut, il-Qorti kellha tindaga xi kwalita' ta' bejgh kien involut. Kellha tiddetermina jigifieri jekk setax jitqies li l-bejgh kien wiehed bl-imnut jew bl-ingrossa. Il-konvenut difatti eccepixxa ukoll preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar kontemplata bis-subinciz (a) ta' l-artikolu 2148. Eccezzjoni din li giet gustament skartata mill-Ewwel Qorti. Infatti din id-disposizzjoni tipprovdi ghall-preskrizzjoni qasira ta' 18-il xahar fil-kaz ta' l-azzjonijiet ta' benneja ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom jew ta' materjal li jfornu. Hu stabbilit ukoll illi

anke hawn ma jistax jitqies illi l-attur kien jikkwalifika bhala bennej ghax bennej ma kienx u lanqas illi qed jitlob prezz ta' xi opra minnu esegwita fuq ordni tal-konvenut jew ghal xi materjal li forna fl-ezekuzzjoni ta' din l-opra. Lanqas seta' jinghad illi l-konvenut, da parti tieghu, kien xtara materjal specifikatament biex jigi impjegat ghall-bini partikolari. Hu kien biss xtara gebel bi kwantita', daqqa mahdum u daqqa le, biex jigi minnu uzat skond il-htigijiet tieghu ta' bennej. Il-bennej ossija kuntrattur fil-kaz taht ezami, kien allura l-konvenut u mhux l-attur li kien qieghed jagixxi biex jitlob il-hlas lilu dovut. Kien ghal din il-Qorti car illi l-azzjoni kienet ghall-hlas ta' kreditu naxxenti minn operazzjoni kummercjali semplici ta' komprovendita' bl-ingrossa ta' materjal tal-bini mill-attur li kien il-bejjiegh lill-konvenut li kien ix-xerrej. Kien allura applikabbi ghall-kaz taht ezami is-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156 li jipprovdi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali u minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa' skond din il-ligi jew ligijiet ohra taht preskrizzjoni aqsar jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, kienu preskrivibbli bid-dekors ta' hames snin.

"Fost l-azzjonijiet li huma kolpiti bil-preskrizzjoni ta' tmintax-il xahar (l-artikolu 2148) hemm dik tal-kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili mibjugha bl-imnut (li jista' wkoll jinkludi gebel). Il-gurisprudenza taghna taghti kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi bejn grossista' u dettaljatur u dan hu illi filwaqt li l-grossista' aktarx ibiegh lil min jikkumercja fil-haga, id-dettaljatur ibiegh aktarx lill-

konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati fil-bzonn ta' l-istess konsumatur, jigifieri illi kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita' f'partiti zghar ta' merci jew derivati lil tal-hanut jew minutant li jixtri minghand negozjant. Jidher car illi bil-kelma bl-imnut, il-ligi tikkontempla lil dawk kollha kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum ta' kuljum tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux." (Vol. XLV.iii.811)

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Giuseppe Borg vs Dr. Giovanni Bonello et nomine" deciza fis-26 ta' Gunju, 1970 irriteniet illi kuntrarjament ghal-ligi Taljana u Franciza, il-ligi Maltija ma kenitx tibbaza d-distinzjoni bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa fuq jekk min jixtri kienx jew le jinnegozja fl-oggett minu mixtri. Il-gurisprudenza pero' kienet issuplimentat ghal dan is-silenzju u kienet tikkonsidra l-grossist bhala wiehed li "per lo piu' vende a coloro che commerciano nella cosa comprata" filwaqt li kienet tikkonsidra lill-minutant bhala dak li "vende per lo piu' ai consumatori e in piccole quantita' misurate dal bisogno di costoro". (Vol. XIII.294)

Gie ritenut ukoll:-

"Il-kwistjoni distintiva fondamentali tal-bejgh bl-ingrossa u dak bl-imnut …… jidher li fil-fatt jirrisjedi fil-kwantitattiv mibjugh. Jekk il-kwantitattiv tal-partita ikun fic-cirkostanzi kollha tal-kaz u anke mizurat mill-bzonn tax-xerrej zghir, allura l-bejgh ikun bid-dettall."

Fil-kaz taht ezami, kien ovvju illi l-kwantita' akkwistata matul il-perjodu kien wiehed rilevanti kif jista' jigi wkoll stabbilit mill-valuri li jirraprezentaw il-prezz tal-gebel mibjugh, apparti wkoll il-fatt illi jirrizulta provat illi l-konvenut akkwista l-gebel biex jimpjegah f'diversi kostruzzjonijiet minnu maghmula. Din il-Qorti hi allura sodisfatta illi hawn si tratta ta' bejgh bl-ingrossa u mhux bl-imnut u konsegwentement il-preskrizzjoni applikabbli kienet certament dik indikata mill-appellat attur fir-risposta ta' l-appell tieghu u cioe' s-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156 tal-Kodici Civili. Stabbilit dan hu aktar minn car illi t-terminu preskrittiv ta' hames snin applikabbli skond din id-disposizzjoni ma kienx ghadu ddekorra sakemm l-attur ipproceda bl-att tac-citazzjoni. L-eccezzjoni ta' preskrizzjoni hi allura insostenibbli ghal dawn ir-ragunijiet u mhux ghar-ragunijiet sollevati mill-eccipjent konvenut li irrizulta li nvoka d-dekorriment tal-perjodi preskrittiv li ma kienux applikabbli ghall-fatti in kawza. Ghall-fini tal-komputazzjoni taz-zmien, din il-Qorti tindika li l-istess appellant jispecifika illi l-ewwel vjegg li ghalih seta' jigi reklamat pagament mill-attur kien gie lilu konsenjat fis-27 ta' Ottubru, 1989 u l-att tac-citazzjoni odjerna giet prezentata f'Jannar 1994 u gie notifikat lill-konvenut fit-13 ta' Jannar ta' dik is-sena. Allura sewwa entro z-zmien ta' hames snin previst fis-subinciz (f) ta' l-artikolu 2156.

F'dawn ic-cirkostanzi allura ma jkunx hemm htiega li din il-Qorti tindaga jekk kienx jew le jirrizulta mill-provi li kien hemm xi interruzzjoni jew sospensjoni tal-perjodu preskrittiv proprju ghaliex tali perjodu kien ghadu ma ddekorriex.

Il-konvenut isostni wkoll f'dan l-appell it-tieni eccezzjoni tieghu dwar in-nullita' ta' l-azzjoni attrici billi l-attur kien qed jagixxi a bazi ta' speci ta' kont kurrent stante li tali figura guridika ma tezistiex fil-ligi. Dan l-aggravju hu fis-sens li l-Ewwel Qorti kien messha ppronunzjat ruhha dwar din l-eccezzjoni ghaliex kien importanti ghall-fini tal-kawza li jigi definit ix-xorta ta' negozju li kien hemm bejn il-partijiet. In-negozju ta' kont kurrent jippresupponi zewg kummercjanti li qeghdin jaghmlu jew jaghtu servizzi reciproci lil xulxin. Ma kienx allura bizzejjed illi jkun hemm diversi negozji ta' bejgh minn parti lill-ohra bi hlas li jsir kultant. Dan ma kienx jikkostitwixxi kont kurrent.

Dan l-aggravju kif impostat bhala eccezzjoni ta' nullita' ta' l-azzjoni gie gustament skartat mill-Ewwel Qorti. Ma kien hemm l-ebda dubbju illi l-azzjoni kienet essenzjalment wahda ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas bilanc ta' ammont dovut ghall-prezz ta' merkanzija ta' gebel lilu konsenjata mill-attur. Il-fatt illi l-attur fl-att tac-citazzjoni jindika illi bejnu u bejn il-konvenut kien hemm speci ta' kont kurrent, bl-ebda mod ma jfisser illi l-azzjoni kienet bazata fuq relazzjoni kontrattwali diversa minn dik ta' semplici kontrattazzjonijiet ta' komprevendita' kif hu

espressament dikjarat fit-talba attrici. Imkien fl-att tac-citazzjoni ma hemm riferenza ghall-elementi essenzjali tal-kuntratt tal-kont kurrent kif lanqas hemm xi talba biex il-Qorti taghmel l-ezercizzju ta' rendikonti biex tasal ghall-ammonti dovuti minn parti lill-ohra. L-att tac-citazzjoni ma jistax jinghad li kien nieqes mill-kjarezza jew li ma kienx b'mod preciz ifisser l-oggett u r-raguni tat-talba jew li din kienet diretta b'mod illi ma poggietx lill-konvenut f'sitwazzjoni illi sewwa jipprovdi ghad-difiza tieghu. Dan hu ampjament rifless fl-eccezzjonijiet fil-mertu moghtija mill-istess konvenut. L-aggravju tan-nullita' tac-citazzjoni ma jistax ma jigix respint u konsidrat bhala wiehed frivolu.

Jibqa' x'jigi konsidrat l-aggravju fir-rigward tal-mertu ta' l-azzjoni. Dak cioe' li jikkontesta l-konkluzjoni ta' l-Ewwel Qorti li din laqghet it-talba ta' l-attur kif minnu proposta. Il-konvenut appellant jirribadixxi li hu kien ipprova permezz ta' dokumenti minnu prodotti quddiem l-Ewwel Qorti illi l-ebda ammont ma kien dovut lill-attur u li inoltre anke kieku kellu wiehed jaccetta bhala korrett dak kollu li xehed l-attur fid-deposizzjoni tieghu, dan xorta wahda ma seta' qatt iwassal ghall-akkoljiment tat-talbiet attrici kif dedotti. Dan hu aggravju li ghandu principalment kontenut fattwali in kwantu jimporta kritika ta' l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-Ewwel Qorti biex waslet ghad-decide taghha.

Kif hu risaput din il-Qorti bhal regola ma kellhiex tindahal biex tiddisturba dak l-apprezzament sakemm l-appellant – ghax fuqu trid

tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex illi kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja ta' apprezzament ta' provi li ghamlet l-Ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa l-gustizzja manifesta. Issa ma hemmx dubju illi fil-kaz taht ezami l-ebda wiehed mill-partijiet ma seta' jinghad illi kellu a disposizzjoni tieghu kotba tan-negozju u dokumentazzjoni ohra illi bihom seta' bi kjarezza u konkluzivament ipprova t-tezi tieghu.

F'din is-sitwazzjoni ghamlet sewwa l-Qorti illi tipprova tidentifika l-elementi ta' prova certa li b'xi mod jirrizultaw mill-atti. Kellha tkun gwidata miz-zewg principji ta' dritt applikabbli fejn it-talba hi ghall-kundanna ghall-hlas, dak cioe' illi l-attur kellu jipprova definittivament li l-hlas pretiz ikun dovut fis-sens illi l-prezz li jkun qed jirreklama jkun jirraprezenta prestazzjoni li jkun fil-fatt ghamel lill-konvenut waqt li mill-banda l-ohra l-konvenut ikun obbligat jipprova li dak li kien gie ppruvat li jkun pretiz ma kienx minnu dovut ghal xi raguni li tiggustifikah fil-ligi fosthom dik avanzata f'din il-istanza u cioe' l-pagament in toto jew in parte. Din il-Qorti hi bhall-Ewwel Qorti sodisfatta illi mill-provi johrog anke tramite ammissjoni da parti tal-konvenut appellant u martu illi fiz-zmien wara illi kienu ntemmu l-kontrattazzjonijiet ma' l-appellat, kien hemm tentattiv biex jigi stabbilit l-ammont li kellu jiehu l-attur bl-intervent tal-konsulent legali ta' dan ta' l-ahhar u li dan l-ammont kien gie determinat fis-somma ta' Lm5,123. Importanti wkoll illi dan il-

kuntegg finali sar wara l-14 ta' Awissu, 1990 li kienet id-data ta' l-ahhar konsenja. Dan jirrizulta wkoll mill-iskartafacc esebit mill-istess attur u li ma jidhirx li l-kontenut tieghu almenu f'dan ir-rigward hu kontestat.

Il-kont hu redatt mill-attur u jidher li fforma l-bazi tad-diskussjoni li saret b'inkontru bejn il-partijiet biex jittantaw jaslu ghall-ftehim. F'dak l-istess rendikont, l-attur jindika li mill-ammont ta' Lm5,123 li skond hu kien dovut lilu finalment meta waqaf jinnegozja mal-konvenut, dan l-istess konvenut hallsu s-somma ta' Lm2,000 akkont u dana jhalli bilanc ta' Lm3,123.

Issa, hi essenzjali f'din il-kawza, ix-xhieda ta' mart il-konvenut appellant a fol 68 u 70 tal-process li fiha inter alia b'riferenza ghal dan id-dokument tghid hekk:-

"Id-dokument A li hemm a fol 6 tal-process ippreparajnih jiena u l-attur fejn gbarna l-kontijiet u naraw il-flus li kellna naghtu lill-attur. Minn dan jirrizulta li kien ghad fadlilna ntuh Lm3,123."

Sa hawn allura, ma hemm l-ebda dubbju illi meta gie redatt dak id-dokument, l-ammont pretiz issa f'din l-istanza kien ghadu dovut. L-istess mart l-attur imbaghad tkompli hekk:-

"U <u>wara</u> li gie redatt dan id-dokument ir-ragel mar tah Lm3,000. Ma nafx liema pagament sar l-ewwel jekk hux it-Lm3,000 jew l-Lm2,000. Jiena naf zgur li dan il-pagament sar darbtejn. L-ewwel Lm3,000 u mbaghad Lm2,000 inkella vice versa. Hemm id-dati u din tingharaf."

Din hi proprju l-konfuzjoni li setghet biss tirrisolvi mart l-attur ghax jidher li kienet direttament involuta fil-konteggi u li minflok irrizolvietha, kompliet tikkomplikaha. Infatti, l-allegata ricevuta li fuqha jistrieh l-appellant bhala prova tal-pagament, turi bla ebda dubbju illi l-allegat pagament ta' Lm3,000 kien sehh <u>qabel</u> l-allegat pagament ta' Lm2,000. Dan certament ma kienx possibbli li jigi jaqbel mar-rendikont li mart l-appellant taccetta li ghamlet ghaliex dan juri illi f'dak il-mument kien hemm qbil illi l-ammont kollu dovut kien ta' Lm5,123 u li minnu u f'dak il-mument kien thallas biss akkont ta' Lm2,000. L-appellat naturalment jikkonstesta il-paternita' ta' din is-suppost ricevuta li fuqha ma hemm l-ebda firma u li taghha l-appellat jichad il-kalligrafija. Dan kellu pero' ikun il-punto di partenza biex tigi rizolta din il-kawza. Minn dak il-mument kien jispetta lill-appellant illi jipprova b'mod definittivament il-pagament tal-bilanc li l-kontendenti jaqblu li kien f'dak il-mument dovut. Il-mod imhawwad kif xehdet mart il-konvenut wahdu u apparti inkonsistenzi kbar ohra li hemm fix-xhieda kemm taghha kif ukoll ta' zewgha, bl-ebda mod ma jistghu jwasslu lill-Qorti biex tkun konvinta mill-eccezzjoni tal-pagament.

Jidher mill-provi illi l-appellat kien dejjem konsistenti mill-verzjoni tieghu tal-fatti u korroborat ukoll mill-avukat tieghu illi jafferma illi fl-isforz li kien sar minnu biex iwassal lill-partijiet ghal ftehim, l-appellant kien accetta li kellu jaghti l-ammont reklamat u anke kien wasal biex jaccetta li jaghmel tajjeb ghalih b'xoghol tal-gebel u kien hemm ukoll akkordju dwar x'tip ta' xoghol kellu jkun. L-appellant ukoll jaccetta li f'xi zmien kien obbliga ruhu li jaghmel xi xoghol lill-attur, jaccetta li certu xoghol ma ghamlux pero' jinsisti li certu xoghol iehor ghamlu u li dak kien ghas-saldu tal-hlas ta' kull bilanc li kien ghadu dovut minnu lill-appellat. Anke hawn pero' l-provi prodotti mill-appellant jirrizultaw konfuzjonarji u inkonkludenti.

Din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju li l-provi juru sodisfacentement illi bilanc kien ghadu dovut mill-konvenut lill-attur. Seta' kien hemm diffikulta' dwar l-ammont ta' dan il-bilanc pero' l-fatt illi l-appellant jinsisti illi ma kellu jaghti xejn ghax kollox imhallas, naturalment idghajjef it-tezi tieghu u dan sal-punt illi biex ikollu success fl-eccezzjonijiet li ta, kellu bilfors jipproduci prova pozittiva ta' pagament. Prova din li kif sewwa rriteniet l-Ewwel Qorti hu naqas li jaghmel.

L-unika koncessjoni li din il-Qorti jidhrilha li ghandha taghmel fir-rigward tat-talbiet attrici hi dik li l-istess appellat jaccenna ghaliha fl-ahhar paragrafu tar-risposta tieghu ghar-rikors ta' l-appell. Hu jissottometti illi kien gust li jigi ammess illi l-figura kif likwidata mill-Ewwel Qorti favur

tieghu fl-ammont finali ta' Lm3,124 kellu jitnaqqas minnha l-valur tax-xoghol ta' imgara li l-konvenut kien wettaq favur tieghu f'Awissu u Settembru 1992. Hu kien ikkalkola dan ix-xoghol fis-somma ta' Lm228. Minn naha tieghu l-konvenut appellant fix-xhieda tieghu jikkonferma li hu kien ghamel xi xoghol ta' ingir ta' gebel lill-attur u jzid "ta' dan l-attur kellu jhallasni s-somma ta' Lm250". Ammont illi l-appellant issa qieghed jaccetta li ma giex imnaqqas. Una volta hemm qbil fis-sostanza, din il-Qorti ser tiehu l-figura indikata mill-appellant bhala dik korretta u ser tnaqqas mill-ammont kanonizzat bis-sentenza appellata ta' Lm3,124, is-somma ta' Lm250 biex b'hekk l-ammont verament dovut mill-appellant lill-appellat qed jigi ridott ghal Lm2,874. Ezercizzju li din il-Qorti tista' taghmel in kwantu t-talba attrici hi wahda ghal-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut bhala bilanc ghal prezz ta' gebel mibjugh u supplit mill-appellant u mhux ghall-kundanna ta' ammont definittiv.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell limitatament ghall-ammont li kellu jigi kanonizzat favur l-appellat li qed jigi ridott minn Lm3,124 ghal Lm2,874 u f'dan is-sens qed tirriforma s-sentenza appellata. Konsegwentement, il-konvenut appellant qed jigi kkundannat ihallas lill-attur appellat din is-somma li qed tigi hekk likwidata bl-imghax legali kif likwidat kellhom jiddekorru mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sal-hlas effettiv kif determinat fis-sentenza appellata. Dan ghaliex l-ammont kannonizzat hu sostanzjalment dak reklamat fl-att tac-

citazzjoni. Kellu pero ikun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez minhabba r-riduzzjoni marginali maghmula. L-ispejjez taz-zewg istanzi kellhom jigu sopportati kwantu ghal $^{9}/_{10}$ mill-appellant u ghal $^{1}/_{10}$ mill-appellat u f'dan is-sens ukoll is-sentenza appellata qed tigi riformata.

Dep/Reg

cb